# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, it-Tnejn, 26 ta' Diċembru, 2016

**Rik. Nru. 105/16JRM**

Edward **BRIFFA** f'ismu proprju w għan-nom u inrappreżentanza ta' ibnu minuri Damian-Edward Briffa

vs

Georgia *sive* Georgina **SEGUNA**; Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja; ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali; Uffiċjal Inkarigat mill-Għoti tal-Passaporti; Kummissarju tal-Pulizija; Direttur: Malta International Airport; Malta Sea Terminal; Kontrollur tad-Dwana; Onorevoli Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali; British High Commissioner; Avukat Ġenerali tar-Repubblika; Onorevoli Prim Ministru, fil-kwalita' tiegħu ta' Kap tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta; Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja u l-Kunsilli Lokali; Onorevoli Ministru għall-Affarijiet Barranin

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 u tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara talba li l-avukat difensur tar-rikorrent ressaq waqt

is-smigħ tal-kawża tal-15 ta' Diċembru, 2016[1], li fih u għar-raġunijiet minnu hemm imsemmija, huwa talab li din il-Qorti tagħti provvediment provviżorju ('*interim measure*') fis-sens li, sakemm tkun għadha qiegħda tinstema' din il-kawża tiegħu dwar ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali (kif imfissra b'mod dettaljat fir-rikors promotur tiegħu), din il-Qorti tissospendi b'seħħ minnufih l-effetti ta' degriet kamerali mogħti mill-Qorti Ċivili Taqsima tal-Familja fis-17 ta' Novembru, 2016[2], li bih hija awtorizzat lill-intimata Georgina Seguna ssiefer minn Malta għal btala bejn id-29 ta' Diċembru 2016 u l-5 ta' Jannar 2017, u li tieħu magħha lil minuri Damian-Edward Briffa fl-Ingilterra, taħt il-kundizzjonijiet imfissra fl-imsemmi degriet;

Illi fl-imsemmi smigħ, din il-Qorti tat żmien lill-intimati biex iressqu t-tweġiba tagħhom sad-19 ta' Diċembru 2016 biex iressqu t-Tweġiba tagħhom;

Illi kienet biss l-intimata Georgia Seguna li, saż-żmien mogħti mill-Qorti, ressqet Tweġiba[3] għat-talba magħmula mir-rikorrent u li biha, għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talba tal-istess rikorrent għall-għoti ta' rimedju bħal dak minnu mitlub;

Semgħet is-sottomissjonijiet estensivi tal-għaref difensur tar-rikorrent dwar ir-raġunijiet li għalihom huwa ressaq din it-talba preliminari tiegħu;

Rat li waqt is-smigħ imsemmi, din il-Qorti ħalliet ir-rikors għall-provvediment kamerali dwar it-talba tar-rikorrenti *proprio* u *nomine* għall-għoti ta' miżura provviżorja wara li tkun rat x'għandhom x'jgħidulha l-intimati;

***Ikkunsidrat:***

Illi bil-kawża miftuħa minnu fil-5 ta' Diċembru, 2016, ir-rikorrent qiegħed jilminta li huwa ġarrab jew sejjer iġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħares fl-artikoli 32, 36, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u kif ukoll tal-artikoli 3, 6, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali, minħabba degriet mogħti fis-17 ta' Novembru, 2016, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-degriet");

[1] Paġ. 103 tal-proċess
[2] Dok "AAA1", f'paġġ. 55 – 7 tal-proċess
[3] Paġġ. 109 – 113 tal-proċess

Illi l-imsemmi degriet ingħata fil-qafas ta' atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni[4] li r-rikorrent kien talab u ngħata biex iżomm lill-intimata Georgina Seguna milli tieħu barra minn Malta lil binha minuri Damian-Edward Briffa, iben ukoll tal-istess rikorrent;

Illi l-imsemmi degriet kien ingħata wara talba li l-intimata Seguna għamlet b'rikors tagħha tas-7 ta' Novembru, 2016[5], li bih hija talbet lil dik il-Qorti biex "tissospendi temporanjament il-mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi u tawtorizża lir-rikorrenti sabiex issiefer flimkien mal-minuri għal btala ġewwa l-Ingilterra għal perjodu ta' tmien (8) ġranet li għandhom jaqgħu fil-vaganzi tal-Milied tal-minuri u ċioe' bejn it-23 ta' Diċembru 2016 u t-8 ta' Jannar 2017 jew għal perjodu jew dati li din l-istess Qorti jidhrilHa aktar xieraq";

Illi dik il-Qorti, kif ingħad, tat id-degriet wara li rat x'kellu x'jgħid ir-rikorrent eżekutant (ir-rikorrent fil-kawża tal-lum) u semgħet lill-avukati tal-partijiet waqt smigħ miżmum għal dan il-għan. Fl-imsemmi degriet, dik il-Qorti imponiet kundizzjonijiet li l-istess intimata riedet twettaqhom qabel ma tkun tista' ssiefer bil-minuri;

***Ikkunsidrat:***

Illi fit-talba magħmula minnu lil din il-Qorti għall-għoti tal-provvediment provviżorju minnu mitlub huwa jqis li l-ħtieġa tal-għoti tal-imsemmi provvediment titnissel mit-tħassib tiegħu li (i) l-intimata ma terġax lura Malta bil-minuri mal-għeluq taż-żmien mogħti lilha fid-degriet, (ii) li ma ngħatax tagħrif fejn, fl-Ingilterra, ser ikun ibnu l-minuri meta ser isiefer fiż-żmien mogħti fl-istess degriet, u (iii) li f'każ li tabilħaqq l-minuri ma jerġax jinġab lura Malta meta jagħlaq iż-żmien, ser ikollu jidħol f'nefqa u taħbita biex jieħu l-proċeduri meħtieġa fir-Renju Unit "li ma tapplikax ir-regolamenti illi jħaddnu l-Istati l-oħra tal-Unjoni Ewropeja";

Illi, min-naħa tagħha, l-intimata Seguna twarrab dawn ir-raġunijiet billi tiċħad li jeżistu ċ-ċirkostanzi li bihom din il-Qorti għandha tilqa' t-talba għall-għoti ta' rimedju provviżorju, u billi tikkontesta t-tħassib tar-rikorrent li hija ma terġax lura Malta bħala stħajjil tal-immaġinazzjoni tiegħu u mossa ta' pika biex biha jipprova jwaqqa' provvediment mogħti minn Qorti oħra taħt id-dehra ta' ksur ta' jedd fundamentali;

[4] Rik. Nru. 81/16RGM tal-4 ta' April, 2016, u dekretat fid-19.4.2016, Dok "AAA1", f'paġġ. 35 sa 43 tal-proċess
[5] Dok "AAA1", f'paġġ. 51 – 4 tal-proċess

Illi din il-Qorti ikkostatat li, sa dakinhar li żammet is-smigħ tal-15 ta' Diċembru, 2016, l-intimata Seguna kienet wettqet il-kundizzjonijiet li imponitilha l-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tkun tista' tħalli Malta mal-minuri;

Illi bħalma ngħad drabi oħrajn f'ċirkostanzi bħal din tallum[6], is-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;

Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[7];

Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[8]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[9]. Għalhekk, mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[10];

Illi huwa stabbilit ukoll li biex jinħalqu ċ-ċirkostanzi ħalli jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ jintwera wkoll minn min jitolbu li hemm ħsara imminenti li titlob it-teħid ta' provvediment bħal dak[11];

Illi għalkemm huwa minnu li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-

---

[6] P.A. (Kost.) MCH **30.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Bonniċi vs L-Avukat Ġenerali***
[7] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM **5.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et***
[8] Q.E.D.B. **6.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamatkulov et vs Turkija*** (Applik. Nru. 46837/99) § 110
[9] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113
[10] Deg P.A. (Kost.) AE **16.4.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et***
[11] Kost. **25.9.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***

artikolu 3 tal-Konvenzjoni[12], ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni[13];

Illi r-rimedju li r-rikorrent *nomine* u *proprio* qiegħed jitlob f'dan il-każ huwa speċifikatament dak li l-effetti tad-degriet jinżammu bħallikieku dak id-degriet ma ngħatax u b'hekk il-minuri ma jkunx jista' jħalli Malta għaż-żmien lilu konċess fl-imsemmi degriet sakemm din il-Qorti tisma' u taqta' l-kawża dwar l-ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali li r-rikorrent iqis li ġarrab sewwasew minħabba dak id-degriet;

Illi l-Qorti tqis li l-azzjoni fil-mertu tar-rikorrent tirrigwarda d-degriet u s-siwi tiegħu. Huwa miżmum li, provvediment mogħti minn Qorti jitqies li jiswa u jagħti l-effetti tiegħu sakemm ma jinstabx il-kuntrarju ("*pro veritate habetur*"). F'dan il-każ, l-ilment tar-rikorrent li dak id-degriet huwa irritu u ma setax jingħata kif ingħat u kif ukoll l-ilment tiegħu li d-degriet kien ir-riżultat ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, huma kwestjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-istess ilmenti tiegħu u jmorru għalhekk lil hinn mill-qafas tal-*prima facie*;

Illi b'żieda ma' dan it-tħassib tar-rikorrent mhuwiex waħdu element biżżejjed biex din il-Qorti toħroġ provvediment provviżorju biex tissospendi l-effetti tad-degriet. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif diġa' ssemma qabel, provvediment bħal dan jitlob li l-ħsara li tkun sejra ssir tkun waħda li ma tistax titreġġa' lura. Din il-Qorti ikkostatat li l-degriet ingħata b'ċerti kundizzjonijiet maħsuba mill-Qorti li tatu u jorbot lill-intimata Seguna b'effetti f'każ li jgħaddilha minn moħħha li ma toqgħodx għalih, minbarra li "jikkumpensa" lir-rikorrent dwar l-aċċess għal ibnu minuri biex ipatti għaż-żmien li dan sejjer ikun barra minn Malta;

Illi l-Qorti għalhekk tqis li dan l-element huwa nieqes għaliex l-istħarriġ tal-ilment tiegħu ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali li huwa jqis li ġarrab jew sejjer iġarrab ma jiddependix minn jekk id-degriet ikunx sospiż, bħallikieku l-għoti ta' provvediment provviżorju jservi ta' inibizzjoni tal-Mandat ta' Inibizzjoni;

Illi minbarra dan, il-Qorti ttenni li l-proċedura tal-lum trid tintuża fejn tassew hija maħsuba li tintuża u ma għandhiex issir bħallikieku talba għal provvediment kawtelatorju li dwaru l-liġi tagħti rimedji oħrajn.

[12] Ara K Reid _A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights_ (3rd Edit, 2007) § I.021, p. 20
[13] Ara Ordni *Interim* Q.E.D.B. **30.11.1999** fil-kawża ***Ocalan vs Turkija*** (Applik. 46221/99)

Kemm hu hekk jinsab mgħallem b'awtorita' li "*an indication under Rule 39 will not be given if it is still possible to apply for domestic remedies with suspensive effects*"[14];

Illi r-rikorrenti ma ta lil din il-Qorti l-ebda raġuni oħra minn dawk imsemmija hawn fuq għalfejn il-miżura mitluba minnu jmissha tintlaqa' f'dan l-istadju tal-kawża. Il-Qorti ma jidhrilhiex li jkun xieraq li tgħid iżjed minn hekk f'dan il-provvediment ukoll għaliex dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent minn din il-Qorti f'dan l-istadju bikri tal-kawża jerġa' jitolbu f'uħud mit-talbiet tiegħu fir-rikors promotur, u għalhekk l-għoti tal-provvediment jista' jkun kwestjoni li l-Qorti trid tidħol fiha wara li tisma' lill-partijiet kollha meta tiġi biex tqis il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrent;

Illi, b'żieda ma' dan, ma ntweriex li l-qagħda (ukoll fl-agħar ipoteżi kif jaraha bħalissa r-rikorrent) hija b'xi mod waħda li tista' titqies irriversibbli jew li tnissel ħsara li ma titreġġax lura. Minbarra dan, il-Qorti ma qiegħda tara l-ebda ċirkostanza li toħroġ mill-atti tal-kawża li twassalha biex tagħti r-rimedju provviżorju mitlub f'dan l-istadju;

Illi għaldaqstant, qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent *proprio* u *nomine* billi ma ntweriex li jeżistu l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-għoti tal-provvediment kif mitlub minnu waqt l-ewwel smigħ.

Mogħti kameralment illum, it-Tnejn is-26 ta' Diċembru, 2016

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

[14] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* § 2.2.8.3, p. 119

Rikorrenti: Dr Emmy Bezzina LL.D.

Intimati: Dr. Sarah Pirotta Chircop Beck LL.D.,

Dr. Maurizio Cordina LL.D.,

Dr. Noel Bartolo LL.D.

Dr. Larry Formosa LL.D.

(kopja għan-notifika tal-partijiet)